A.L. 471 tal-2021

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Użu Mandatorju ta' Maskri Mediċi jew tad-Drapp (Emenda Nru 4)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 26 u 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Użu Mandatorju ta' Maskri Mediċi jew tad-Drapp (Emenda Nru 4) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Użu Mandatorju ta' Maskri Mediċi jew tad-Drapp, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 465.48.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fil-11 ta' Diċembru 2021:

Iżda r-regolamenti prinċipali li qegħdin jiġu emendati bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li għadhom fis-seħħ, inkluż wara l-11 ta' Diċembru 2021, għall-finijiet ta' kull att, deċiżjoni, azzjoni jew proċeduri meħuda fir-rigward ta' xi ksur ta' dawk l-istess regolamenti.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi (ċ) u (d) tat-tieni proviso għas-subregolament (1) għandhom jiġu mħassra; u

(b) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-proviso għall-paragrafu (j) tiegħu, il-kliem "tkun qiegħda miexja;" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem: "tkun qiegħda miexja."; u

(ii) il-paragrafu (k) tiegħu għandu jiġi mħassar.